

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Frar 2016 – Consolidated Artists vs UASI – Body Cosmetics International (MANGO)

(Kawża T-761/14) ⁽¹⁾

[“*Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark Komunitarja figurattiva MANGO — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv miksub permezz tal-użu — Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Artikolu 52(2) tar-Regolament Nru 207/2009*”]

(2016/C 118/33)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Consolidated Artists BV (Amstelveen, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentant: B. Corne, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: S. Pétrequin u A. Folliard-Monguiral, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Body Cosmetics International GmbH (Willich, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Müller-Mergenthaler, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI fit-8 ta' Settembru 2014 (Każ R 2337/2013-4), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Body Cosmetics International GmbH u Consolidated Artists BV.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Consolidated Artists BV hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 7, 12.1.2015.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Frar 2016 – Tayto Group vs UASI – MIP Metro (REAL HAND COOKED)

(Kawża T-816/14) ⁽¹⁾

[“*Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva REAL HAND COOKED — Trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti real QUALITY — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Użu ħażin ta' poter — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Artikoli 64, 75, 76 u 83 tar-Regolament Nru 207/2009*”]

(2016/C 118/34)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Tayto Group Ltd (Corby, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: R. Kunze u G. Würtenberger, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)